



---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2019/2076(DEC)**

13.12.2019

# **EMENDI**

## **1 - 7**

**Abbozz ta' opinjoni  
Maria Grapini  
(PE643.064v01-00)**

Kwittanza 2018: L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)  
(2019/2076(DEC))

AM\_Com\_NonLegOpinion

### **Emenda 1**

**Marco Campomenosi, Massimo Casanova, Lucia Vuolo, Paolo Borchia**

#### **Abbozz ta' opinjoni**

##### **Paragrafu 1**

*Abbozz ta' opinjoni*

1. *Jilqa' l-fatt* li l-Qorti tal-Awdituri kkonstatat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

*Emenda*

1. *Jinnota* li l-Qorti tal-Awdituri kkonstatat li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2018 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;

Or. it

### **Emenda 2**

**Jan-Christoph Oetjen, Bill Newton Dunn, Dominique Riquet**

#### **Abbozz ta' opinjoni**

##### **Paragrafu 3a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*3a. Jilqa' l-appoġġ direkt tal-Aġenzija favur l-isforzi ta' infurzar ambjentali tal-Istati Membri fl-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali, kif ukoll is-servizzi RPAS tal-EMSA li jassistu f'operazzjonijiet ta' sorveljanza marittima bħat-tniġġis marittimu u l-monitoraġġ tal-emissjonijiet; jemmen li b'aktar riżorsi l-Aġenzija tista' tiżvolġi rwol importanti billi tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex itaffu r-riskji ambjentali relatati mat-trasport marittimu u jtejbu ssostenibbiltà tas-settur marittimu;*

Or. en

### **Emenda 3**

**Barbara Thaler**

**Abbozz ta' opinjoni  
Paragrafu 4a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*4a. Jilqa' l-kooperazzjoni tal-Aġenzija mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd u mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta;*

Or. de

**Emenda 4  
Barbara Thaler**

**Abbozz ta' opinjoni  
Paragrafu 4b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*4b. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija qed tittestja psewdosatelliti ta' altitudni għolja (HAPS, High Altitude Pseudo Satellites) u jilqa' l-fatt li b'hekk tingħebleb id-diskrepanza bejn is-satelliti u d-droni;*

Or. de

**Emenda 5  
Barbara Thaler**

**Abbozz ta' opinjoni  
Paragrafu 4c (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*4c. Jilqa' l-isforzi tal-Aġenzija biex tqiegħed għad-dispożizzjoni servizzi operattivi, analiżijiet, għarfien speċjalizzat u l-aħjar appoġġ tekniku possibbli fl-ambitu tal-proġetti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, kif ukoll għall-utenti tas-setturi tat-trasport marittimu;*

Or. de

**Emenda 6**  
**Barbara Thaler**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4d (ġidid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*4d. Jistieden lill-Aġenzija tisfrutta bis-sħiħ u, skont il-ħtieġa, tadatta l-possibbiltajiet operattivi li joffru d-droni, il-HAPS u s-satelliti; tisħaq fuq in-natura multifunzjonali tas-sistemi, li jkopru kemm is-salvataġġ fuq il-baħar u kemm l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tat-tniġġis marittimu, kif ukoll il-ġlieda indispesabbli kontra l-attivitàajiet illegali bħat-traffikar tad-drogi, il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u s-sajd mhux awtorizzat;*

Or. de

**Emenda 7**  
**Jan-Christoph Oetjen, Bill Newton Dunn, Dominique Riquet**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 8a (ġidid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*8a. Japprezza li l-Aġenzija introduċiet mekkańiżmi ta' kontroll xierqa dwar il-pagamenti fil-kuntratti tal-Aġenzija;*

Or. en